MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 1198/2002

**Brian Micallef**

**vs**

**Elizabeth Scerri gia` Micallef**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fil-Kappella tal-Kapuccini gewwa l-Furjana fil-11 ta’ Dicembru 1994.

Illi l-kunsens tal-konvenuta bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u tal-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga,

Illi *inoltre* l-kunsens tal-konvenuta ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali.

Illi l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b'anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibbli ghall-istess konvenuta illi taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi l-konvenuta ssimulat il-kunsens taghha ghal dan iz-zwieg.

Illi ghalhekk iz-zwieg iccelebrat fil-Kappella tal-Kapuccini tal-Furjana fil-11 ta' Dicembru 1994 huwa null u bla effett skond il-ligi.

Illi l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fil-11 ta' Dicembru 1994 huwa null u bla effett legali u sussegwentement taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra illi jkunu opportuni f'dan ir-rigward.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 5 tal-process;

Rat id-Digriet tal-affidavits attrici datat 26 ta' Novembru 2002.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenuta datata 17 ta' Dicembru 2002 a fol. 12 tal-process fejn gie eccepit illi:-

(1) Illi l-allegazjonijiet huma bhala fatti veri u jezistu ragunijiet bizzejjed sabiex jaghtu lok ghall-annullament.

(2) Illi *di piu'* l-attur kien jghaddi hafna zmien barra mid-dar peress li kellu passjoni ghall-*hockey* u kien isiefer wahdu.

(3) Illi *di piu'* l-attur kien telaq mid-dar ta' ommu u missieru peress li kellu hafna sikkatura u haseb li ser isib il-liberta' kif jizzewweg.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta u l-lista ta' xhieda tal-istess a fol. 13 tal-process.

Rat in-nota attrici fejn gie esebit ic-certifikat taz-zwieg bhala Dok. "BM1" a fol. 15 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduti tat-13 ta' Marzu 2003 fejn Dr. Tanya Sammut ghall-attur pprezentat erba' (4) affidavits u ddikjarat li l-attur ma ghandux provi izjed u ghalhekk inghata digriet tal-affidavits konvenuta ta' erbghin (40) gurnata u gie nnominat Dr. Paul Farrugia bhala Assistent Gudizzjarju sabiex fil-mori tad-differiment jiffissa seduta wahda ghall-kontro-ezamijiet kollha relattivi.

Rat l-affidavits tal-attur Brian Micallef, u l-affidavits l-ohra attrici ta' Georgina Micallef, Catherine Micallef u Simon Micallef ilkoll esebiti b'nota datata 13 ta' Marzu 2003 a fol. 20 tal-process.

Rat in-nota tal-konvenuta datata 13 ta' Mejju 2003 a fol. 31 tal-process fejn gie esebit l-affidavit tal-konvenuta.

Rat is-seduta quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Paul Farrugia datata 21 ta' Mejju 2003 fejn xehdet il-konvenuta in kontro-ezami.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' Gunju 2003 fejn d-difensuri ddikjaraw li l-kawza setghet tibqa' ghas-sentenza u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-2 ta' Ottubru 2003.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

Illi l-attur jinvoka n-nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fil-kunsens li tat il-konvenuta u wkoll li l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat ghaliex eskluda elementi essenzjali taz-zwieg u l-istess konvenuta kienet affetta b'anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibbli ghaliha li taqdi l-obbligazzjonijiet taghha taz-zwieg, u dan apparti li ssimulat il-kunsens taghha ghall-istess zwieg u ghalhekk tali zwieg ghandu jigi ddikjarat null u bla effett *ai termini* tal-**artikoli 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta**, fejn jinghad hekk:-

**19(1)** *B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null*:-

**(d)** *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenjali taz-zwieg;*

**(f)** *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg:*

Illi rigward dak li jinghad fis-**sub inciz 19 (1) (d)** fuq citat jinghad li l-kunsens fir-rabta taz-zwieg jirrikjedi maturita` ta' hsieb u karattru sabiex min jidhol ghal dan il-pass ikun konxju li zwieg ifisser *commitment* lejn din ir-rabta.

Illi l-awtur ***Bersini*** – **Il Diritto Canonico Matrimoniale (Torino 1994)** ighid hekk fuq il-grad ta' maturita` rikjesta sabiex wiehed jikkuntratta z-zwieg:-

*"Per dare un valido consenso, non e' sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappra che cosa e il matrimonio; e necessaria la maturita` di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e' necessaria la discrezione non tanto per l'alto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni*

*che da quell'alto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro."*

Illi l-awtur ***Bernard A. Siegle***, fil-ktieb tieghu **"Marriage According to the New Code of Canon Law"** jghid li bil-kunsens taghhom il-partijiet jridu joffru lil xulxin:-

*"a) the right to a community of life;*

*b) the possibility of living this community of life;*

*c) the right to the conjugal act;*

*d) the other essential properties of marriage – unity, fidelity and indissolubility".*

Illi ***Siegle*** jkompli jghid illi wiehed mill-elementi tal-kunsens hu l-maturita` li skond l-awturi rotali u gurisprudenza rotali tinkludi:-

*"a) an affective maturity that enables them to grasp the deep meaning of the conjugal covenant and to give it permanent value.*

*b) a discernment of judgement proportionate to the importance of the pact being concluded;*

*c) an internal free choice of will without coercive impulsions;*

*d) a freeness of character or personality that is capable of effective decision making.*

*e) a normal sexuality".*

Illi mill-rovi prodotti dan jirrizulta mankanti ghal kollox miz-zewg partijiet u partikolarment mill-konvenuta, li jidher ovvju mill-provi prodotti mill-attur, li lanqas huma kkontestati mill-konvenuta, li hija in verita' sa minn qabel l-istess zwieg, kienet indeciza ghall-ahhar jekk hijiex lesta sabiex tizzewweg lill-attur jew le, tant li ftit xhur qabel kienet anke qatghet ir-relazzjoni taghha mal-attur

sabiex tara x'se taghmel ghaliex ma kinetx qed thossha komda u sew fir-relazzjoni li kellha mieghu. Kien biss wara li cemplilha l-attur f'dan il-perjodu suppost ta' riflessjoni ghaliha li l-attur jidher li kkonvinciha sabiex jibdew jergghu johorgu flimkien, u ironikament wara dan id-dubju kollha ddecidew li jizzewgu, u dan *nonostante* li almenu l-genituri tal-attur ippruvaw iwissuhom li kienu qed jghagglu wisq, l-aktar meta tikkonsidra l-istat tal-konvenuta, li deher car li ma kenitx konvinta mir-relazzjoni taghha mal-attur, ahseb u ara kemm kienet deciza ghaz-zwieg.

Illi m'hemmx x'inghidu li z-zwieg u l-pass ghalih hija wahda mill-aktar decizjonijiet importanti ghal kull persuna *stante* li dan ifisser li kull persuna li taghmel dan il-pass tkun qed tikkommetti ruhha ghal ghomorha ma' persuna ohra f'hajja ta' rispett reciproku, imhabba u sagrificji ghall- hajja ta' haddiehor, u dan kemm ghall-parti li maghha tkun ser tinghaqad fiz-zwieg, u kemm ukoll ghal ulied li jistghu ikun frott tal-istess zwieg.

Illi f'dan il-kuntest il-kunsens fiz-zwieg irid ikun mill-aktar car li juri li l-persuna li tkun taghtu tkun fehmet dan kollu *stante* li dan ma huwiex impenn ghal ftit ta' zmien, bhal libsa li kif tghaddi l-moda taghha tbiddilha, izda dan huwa *commitment* ghall-hajja kollha tal-istess persuna, u ma tohrogx minnu meta trid u kif gieb u lahaq; dan huwa aktar sinifikattiv taht il-ligi taghna tenut kont tal-fatt li l-istess zwieg huwa ndissolibbli u permanenti bbazat fuq unjoni ta' zewg persuni ghal bqija tal-hajja taghhom fid-dinja, u fejn litteralment wiehed jaghti u jwieghed hajtu b'fedelta' u b'rispett ghall-hajja ta' haddiehor; mhux cajta din izda decizjoni li jehtiegilha riflessjoni sewwa u huwa mportanti li kull persuna li tipprezenta ruhha sabiex taghmel dan tifhem fil-kuntratt dak li huwa lest ghaliha, jkunu xi jkunu ic-cirkostanzi.

Illi mill-provi prodotti jidher car li l-konvenuta ma kellhiex din id-diskrezzjoni ta' gudizzju necessarja sabiex tikkoncepi dawn id-dmirijiet taghha fiz-zwieg, izda jidher li kienet anke konfuza fuq dak li kienet thoss lejn l-attur tant li wara ftit zmien li ghamlet tghix mal-attur, hija ma

setghetx tissaporti l-hajja taghha mieghu, ghalkemm jinghad li huwa ma tantx ghenha f'dan ghaliex kien aktar mohhu fix-xoghol u fid-delizzju tieghu milli jqatta' zmien maghha. Pero' l-attaggjament tal-attur f'dan is-sens ma huwiex il-kawza tan-nuqqas ta' kunsens validu tal-konvenuta, izda dan ghen sabiex l-konvenuta jkollha tammetti li kienet ghamlet zball, meta *nonostante* li ma fehmitx il-portata taz-zwieg u ghalxiex kienet diehla, u meta hija kellha d-dubji serji dwar din ir-relazzjoni, hija cediet ghaz-zeghil tal-attur u anke accettat li tizzewweg meta hija kienet f'dan l-istat palez ta' ndecizjoni anke fuq s-semplici relazzjoni taghha mal-attur, ahseb u ara fuq iz-zwieg taghha mal-istess. Infatti fic-cirkostanzi kollha li kienu qed jghixu l-partijiet id-decizjoni taghhom li jizzewgu proprju fl-aktar zmien meta r-relazzjoni taghhom kienet taht dubju u pressjoni jistona ghall-ahhar u jwassal lil din il-Qorti sabiex tghid li f'dan l-kuntest il-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat fit-termini tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi dwar il-kunsens tal-attur jidher li dan kien similment ivvizjat ghaliex fl-ewwel lok huwa kien konxju ta' din l-incertezza tal-istess konvenuta, pero' xorta wahda ppressaha meta huwa kien jaf jew messu kien jaf li l-konvenuta ma kenitx f'pozizzjoni li tiehu din id-decizjoni; wera wkoll immaturita' serja, *stante* li dak li wasslu lilu sabiex sa ceru punt jippressa ghaz-zwieg kien il-fatt li kellu d-dar lesta u konsiderazzjonijiet ohra li ma kellhom xejn x'jaqsmu mal-elementi essenzjali taz-zwieg. Ironikament l-attur baqa' jinsisti li jibqa' jgawdi d-delizzji tieghu, haga li fija nfisha ma fiha xejn hazin, jekk din ma tkunx ovvja li ser tohloq dizgwid fil-familja u f'dan il-kaz mas-siehba tieghu; izda ghall-attur dak li kien importanti kien li jiehu l-istat tieghu u dan bla ebda riflessjoni fuq dak li kienet thoss is-siehba tieghu f'dan ir-rigward, u dan juri b'mod car li l-attur ha min-naha tieghu d-decizjoni li jizzewweg bla ma qatt qies l-obbligi tieghu *per se* lejn l-konvenuta x'ser ikunu; din il-Qorti thoss li l-avvenimenti ta' wara z-zwieg ikkonfermaw dan l-attagament egoistiku tal-attur f'kull kuntest, fejn dejjem ra (u anke fl-affidavit tieghu dak li ghamel), sabiex jiggustfika l-azzjoni tieghu u

dan bla minimu ta' riferenza ghal dak li kien qed jigri mal-konvenuta.

Illi dan huwa aktar serju fil-kuntest tal-ghoti tal-kunsens taz-zwieg *da parte* tal-attur, *stante* li l-partijiet kienu gja` konxji li qabel iz-zwieg ma kienx hemm komunikazzjoni bejniethom u dik li kien hemm kienet minima – dan iddetermina fil-fatt il-vizzju ta' kunsens *da parte* ta' kull parti f'din il-kawza, u wkoll huwa determinanti sabiex it-talba attrici tigi milqugha; din is-sembjanza taz-zwieg imbaghad lanqas setghet tkompli tigi effettwata mill-kontendenti fir-relazzjoni taghhom, *stante* li ftit jew xejn sabu hin ghal xulxin, w inutli li kull parti tipprova issib id-difett fl-atti tal-parti l-ohra ghaliex dak li rrenda l-istess zwieg null u fazul kien il-fatt li l-istess partijiet kienu f'dak iz-zmien inkapaci li jifhmu dak li verament kienu dehlin ghalih permezz tal-istess zwieg, tant li meta gew ghar-realta' tal-hajja, sabu li ma kellhom bazi ta' xejn, u lanqas preparati minimament sabiex jghixu l-kuncett taz-zwieg; kuncett li fl-ahhar mill-ahhar qatt ma fehmu u ghalhekk lanqas setghu jikkonsentixxu ghalih.

Illi l-Qorti ezaminat il-provi prodotti fid-dawl tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255** li fil-fatt fl-**artikolu 19 (1) (f)** jiddisponi li:

***19 (1)*** *"B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:*

***(f)*** *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg".*

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** deciza minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – 9 ta' Marzu, 2000) u skans ta' ripetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi *inoltre* fis-sentenza **"Theresa Taguri nee` Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe"** (Cit. Nru. 3130/96/NA deciza fl-10 ta' Novembru 1999) gie ritenut illi:-

*"Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu mmedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens".*

Illi din il-Qorti taghmel riferenza wkoll ghad-decizjonijiet **"Sharon Bezzina vs Richard Bezzina"** (P.A. (RCP) 6 ta' Frar 2003); **"Jacqueline Agius vs Ivan Agius"** (P.A. (RCP) 11 ta' Dicembru 2002); u **"Joseph Cutajar vs Dr. Mark Busuttil et nomine"** (P.A. (RCP) 27 ta' Frar 2003, **"Angolina *sive* Julia Dawah vs Dr. Martin Fenech et nomine"** (P.A. (RCP) 27 ta' Marzu 2003); **"Alexander Brincat vs Moira Farrugia gja` Brincat"** (P.A. (RCP) 27 ta' Marzu 2003); **"Louise Anne Sammut vs Tonio Ciantar"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2003) u **"Angela Pullicino vs William Camilleri"** (P.A. (RCP) 13 ta' Marzu 2003, b'dan li l-Qorti thoss, li apparti dak premess, dak fuq citat u l-principji enuncjati fl-istess sentenzi ghandhom japplikaw *mutatis mutandis* ghall-kaz odjern.

Illi fil-konfront tal-konvenuta jidher ukoll li hija kellha l-kunsens taghha vizzjat peress li hija eskludiet *a priori* certi elementi taz-zwieg mill-kunsens taghha u mill-provi prodotti jidher car li hija ma kenitx disposta li tghix ta' mara mizzewga, u baqghet izzomm u tghix ta' mara wahedha kemm ma' hbiebha u wkoll f'relazzjoni li jidher li hija kellha ma' persuna ohra, u dan jikkonferma li l-konvenuta qatt ma kellha l-intenzjoni li tghix ma' zewgha u ghal zewgha, propru wkoll minhabba d-dubbji taghha espressi aktar 'il fuq fuq ir-relazzjoni taghha mal-attur u allura aktar serjament l-incertezza taghha ghaz-zwieg mal-istess. Ghalhekk il-kunsens tal-attrici kien ukoll vizzjat a tenur tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255.**

Illi ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi milqugha ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet, l-attur abbazi tal-**artikoku 19 (1) (d) tal-Kap 255** u l-attrici skond id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta nkwantu l-istess huma nkompattibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat mill-kontendenti fil-11 ta' Dicembru 1994 huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Bl-ispejjez kollha jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------